A.L. 46 ta' 2001

ATT BIEX JIRREGOLA T-TELEKOMUNIKAZZJONI (KAP. 399)

Ordni ta' tmiem ta' privileġġi esklużivi fl-1 ta' Marzu, 2001

Għall-finijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 44 ta' l-Att ta' l-1997 biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni stabilixxa l-1 ta' Marzu, 2001 bħala d-data meta dawn il-privileġġi esklużivi li ġejjin dwar it-tmexxija ta' xi sistemi ta' telekomunikazzjoni jew dwar il-provvista ta' xi servizzi ta' telekomunikazzjoni hekk kif setgħu ġew mogħtija f'xi jew taħt xi liġi, liċenzja, awtorizazzjoni, kuntratt jew istrument ieħor għandhom itemmu milli jibqgħu jeżistu:

Il-privileġġi eskużivi kollha għat-tħaddim ta' sistemi ta' telekomunikazzjoni u għall-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni mogħtija lill-kumpanija Telepage Limited bis-saħħa tal-Ftehim dwar il-Liċenza tal-11 ta' Marzu tas-sena elf disa' mija erbgħa w disgħin (1994) u tat-2 ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u tal-ftehim tal-31 ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998).